MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2007

Appell Kriminali Numru. 256/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Charles Galea**
**Rosette Schembri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Charles Galea u Rosette Schembri talli fil-kwalita` taghhom ta' diretturi u/jew rapprezentanti guridici tas-socjeta` George Galea & Sons Ltd. (C5597) b'ufficcju registrat "Rosina", William Lasell Street, Fgura, u/jew bhala l-persuni li kienu nkarigati mill-"employer" ta' Anthony Fiteni u Joseph Cutajar sabiex thallsu l-pagi dovuti, inqastu li thallsu l-pagi kollha sal-perijodu ta' 31 ta' Mejju 2005 fl-ammont ta' Lm406.60 fil-kaz ta' Anthony Fiteni u fl-ammont ta' Lm421.20 fil-kaz ta' Joseph Cutajar

dovuti lill-ex-impjegati msemmija tas-socjeta` fuq imsemmija fit-tmiem tal-impjieg taghhom;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali moghtija fis-27 ta' Gunju 2006 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmijin Charles Galea u Rosette Schembri hatja ta' l-imputazzjoni dedotta u minnha lliberathom;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fl-20 ta' Lulju 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, issib htija fil-konfront ta' Charles Galea u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-Avukat Generali huma tnejn: (1) li l-ewwel Qorti lliberat lil Rosette Schembri meta l-imputazzjoni kienet giet irtirata fil-konfront taghha; u (2) li Charles Galea gie lliberat meta kien hemm provi cari li l-ammonti indikati fic-citazzjoni ma kinux thallsu.

Dwar l-ewwel aggravju l-appellant Avukat Generali ghandu ragun peress illi fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2006 – l-istess gurnata li nghatat is-sentenza – skond il-verbal relattiv jirrizulta li Dott. Joe Bonello ghad-Dipartiment ta' l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali "rtira l-akkuzi fil-konfront ta' Rosette Schembri". F'dak l-istadju ghalhekk l-ewwel Qorti kellha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' "l-akkuzi" fil-konfront ta' Rosette Schembri.

Kwantu ghat-tieni aggravju, jidher li dan huwa bbazat fuq il-premessa illi l-impjieg ta' Anthony Fiteni u Joseph Cutajar gie terminat fil-31 ta' Mejju 2005. Issa, mill-formoli tat-tmiem ta' l-impjieg rilaxxjati mill-*employer* (a fol. 7 u 8) jirrizulta illi fir-rigward ta' Anthony Fiteni gie ndikat li l-

impjieg tieghu ntemm fil-“31.05.2005” filwaqt illi fir-rigward ta’ Joseph Cutajar gie ndikat li ntemm fil-“31.01.2005”.

Din il-Qorti semghet mill-gdid ix-xhieda li taw id-deposizzjoni taghhom quddiem l-ewwel Qorti. Joseph Cutajar l-ewwel xehed illi l-impjieg tieghu ntemm fil-bidu ta’ Mejju 2005 izda mbaghad ikkorrega ruhu u qal li ntemm f’Jannar. Anthony Fiteni kkonferma illi kienu spiccaw f’Jannar. Ivan Spiteri, *enforcement officer* fid-Dipartiment imsemmi, qal li jahseb li hemm zball fil-formula li tindika il-31 ta’ Mejju 2005 peress illi Joseph Cutajar u Anthony Fiteni marru jkellmuh flimkien fil-21 ta’ Frar 2005. Fil-fatt jirrizulta illi b’ittra tat-22 ta’ Frar 2005 (a fol. 6) l-istess Ivan Spiteri kiteb lis-socjeta` George Galea & Sons Ltd. biex jinfurmaha dwar il-*claim* ta’ l-imsemmijin zewg *“ex-employees”*.

Issa, l-artikolu 47 tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi illi procedimenti ghal reat skond l-Att Dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali **“jistghu jinbdew f’kull zmien fi zmien sena mill-ghemil tar-reat”**. Dan ifisser illi l-azzjoni odjerna kellha tinbeda fi zmien sena mid-data tat-terminazzjoni ta’ l-impjieg, u cioe` l-31 ta’ Jannar 2005. Mill-atti jirrizulta illi c-citazzjoni nharget fis-7 ta’ April 2006, jigifieri wara li kien skada l-perijodu ta’ limitazzjoni ta’ l-azzjoni skond l-imsemmi artikolu 47 tal-Kap. 452.

Skond l-artikolu 694 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-preskrizzjoni hija applikata mill-Qorti *ex officio*, u l-imputat jew akkuzat ma jistax jirrinunzja ghaliha. F’dan il-kaz ghalhekk din il-Qorti sejra tapplika l-preskrizzjoni *ex officio* u tiddikjara l-azzjoni kriminali fil-konfront ta’ l-appellat Charles Galea preskritta.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata u ghalhekk tirrevokaha in kwantu lliberat lil Rosette Schembri u minflok, stante li giet irtirata l-imputazzjoni fil-konfront taghha, tiddikjara l-procediment ezawrit u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ l-istess imputazzjoni fil-konfront ta’ l-imsemmija Rosette Schembri, u tiddikjara l-

azzjoni kriminali fil-konfront ta' Charles Galea preskritta u f'dan is-sens tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu lliberatu mill-imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------